KUNSILL LOKALI **SLIEMA** LOCAL COUNCIL

Ref: Seduta 02_15-07-09 VI

## MINUTI TAT-TIENI SEDUTA

**It-tieni seduta** tas-Sitt Kunsill Lokali ta' Sliema nżammet l-Erbgħa 15 **ta' Lulju, 2009** fl-Uffiċċji Amministrattivi, fi Triq Depiro, Sliema.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| **Sindku:** | **Nikki Dimech** |
| **Viċi Sindku** | **Johanna Gonzi** |
| **Kunsilliera:** | **Marianne Aquilina**<br>**Yves (Bobby) Cali**<br>**Sandra Camilleri**<br>**Edward Cuschieri**<br>**Martin Debono**<br>**Cyrus Engerer**<br>**Julian Galea**<br>**Patrick Pace** |
| **Skuzat:** | **Nicolai Gauci** |
| **Segretarju Eżekuttiv:** | **Josef Grech**<br>**Stefania Friggieri** |

Is-seduta bdiet fis-18:00 b'din l-agenda:

1. Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti tas-seduta 01_06/07/09
2. Materji konnessi mal-minuti
3. Korrispondenza u komunikazzjonijiet mis-sindku/segretarju eżekuttiv
4. Mistoqsijiet mill-kunsilliera
5. Approvazzjoni tal-pagamenti
6. Ħatra ta' sotto kumitati
7. Affarijiet Oħra

### 1. Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti tas-seduta 01_06/07/09

Il-kunsillier J. Galea ipprona l-approvazzjoni tal-minuti filwaqt li l-kunsilliera S. Camilleri issekondat. Is-Sindku N. Dimech, il-viċi sindku J. Gonzi, il-kunsilliera M. Aquilina, B. Cali, E. Cuschieri, M. Debono, C. Engerer u P. Pace unanimament qablu li jiġu approvati l-minuti.



Sliema Local Council Depiro Street Sliema SLM 2037 - Malta Tel: (+356) 2133 7633 Fax: (+356) 2134 5333 Email: sliema.lc@gov.mt

www.sliema-malta.com

**2. Materji konnessi mal-minuti**

Ma kien hemm ebda materji konnessi mal-minuti.

**3. Korrispondenza u komunikazzjonijiet mis-sindku/segretarju eżekuttiv**

3.1 Is-segretarju eżekuttiv ippreżenta r-riżultat tas-*survey* uffiċċjali li kien intbagħat mil-kunsill, lir-residenti ta' Triq San Vinċenz dwar jekk għandux jinqaleb in-naħa tal-parkeġġ minħabba li qiegħed ikun hemm problema li jżomm l-ilma f'partijiet tat-triq imsemmija. Fost ir-residenti li rrispondew kien hemm disa u ħamsin (59) li ma qablux li għandu jinqaleb il-parkeġġ. Filwaqt li sitta (6) qablu li għandu jinqaleb in-naħa tal-parkeġġ. Il-kunsillier B. Cali ippreżenta petizzjoni minn uħud mir-residenti fejn dawn qablu li għandu jinqaleb in-naħa tal-parkeġġ minħabba l-problema ta' l-ilma. Il-kunsill qabel li għandu jimxi mar-riżultat tas-*survey* u ittieħed vot kif ġej. Is-sindku N. Dimech, il-viċi sindku J. Gonzi, il-kunsilliera M. Aquilina, B. Cali, S. Camilleri, E. Cuschieri, M. Debono, C. Engerer, J. Galea u P. Pace unanimament qablu li l-parkeġġ għandu jibqa kif inhu, madankollu l-kunsill għandu jibgħat il-perit sabiex jara kif tista tissolva l-problema ta' l-ilma.

3.2 Is-segretarju eżekuttiv spjega l-importanza tax-xogħol ta' *contracts manager* fil-kunsill. Spjega wkoll li diġa normalment jitnaqqas perċentaġġ minn kull kont tax-xahar fejn jingħata servizz b'tender. Is-sindku N. Dimech, il-viċi sindku J. Gonzi, il-kunsilliera M. Aquilina, B. Cali, S. Camilleri, E. Cuschieri, M. Debono, C. Engerer, J. Galea u P. Pace unanimament qablu li għanda toħroġ sejħa għall-offerti għal *contracts manager* għal dawn is-servizzi: Knis tat-toroq, tindif ta' reċipjenti, ħasil tal-*promenade*, tindif u żamma tal-latrini pubbliċi, manutenzjoni u żamma ta' *soft areas* u ġonna pubbliċi, ġbir ta' skart, u xi servizzi oħra li jistgħu jinqalgħu. Il-kunsilliera preżenti qablu wkoll li dan il-kuntratt għandu jingħata bi *probation* ta' sitt xhur bħala żmien ta' prova fejn eventwalment il-kuntratt ikun għal tliet snin li jrid jiġi mġedded minn sena għal sena. Kien hemm qbil ukoll li s-salarju għandu jkun wieħed fiss kull xahar u li għandu jkun responsabbli għal dan it-tip ta' xogħol u jrid jibgħat rapporti regolari lill-kuntrattur konċernat b'kopja lis-segretarju eżekuttiv tal-kunsill.

3.3 Korrispondenza mill-Ing J. Muscat rigward ġbir ta' skart minn Tigne Point. Il-kunsill għandu jiċċekkja ma' l-avukat jistax jagħmel dan minħabba l-att ta' kondominju.

3.4 Il-kunsill qiegħed jirċievi diversi lmenti rigward is-servizz li qiegħed jingħata tal-ġbir ta' l-iskart. Is-segretarju eżekuttiv informa li dan il-kuntratt se jagħlaq f'Settembru li ġej, madankollu l-kunsill qiegħed jistenna li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex jingħataw linji ta' gwidi biex tkun tista tiġi ppubblikata t-*tender.* F'dan it-*tender* hemm ħafna dokumenti li l-kunsill irid janalizza. Is-segretarju eżekuttiv informa wkoll li l-kunsill jista jagħżel li jingħaqad ma' kunsilli ohra, filwaqt li informa wkoll li meta jinħareġ l-avviż għas-sejħa għal din it-*tender* dan għandu jidher fil-Ġurnal Uffiċċjali tal-UE wkoll.

3.5 Talba mis-sinjura J. Frostick biex jinqaleb in-naħa tal-parkeġġ ta' Triq Viani biex tittaffa l-problema li qegħdin joħolqu trukkijiet kbar li jispiċċaw ikissru l-bankini. Il-kunsill ma qabilx ma' dan minħabba li l-problema ma tissolviex b'hekk anzi tkun intefgħet fuq ħaddiehor.

3.6 Korrispondenza minn G+P Borg sabiex jittella *tower crane* fi Triq Bisazza għal sena sħiħa. Il-kunsillier M. Debono fakkar li l-kunsill tal-ħames leġislatura kien ħa deċiżjoni li ma jingħatawx permessi għat-*tower cranes.* Madankollu, il-kunsill ma jistax jieħu deċiżjoni minħabba l-fatt li għad irid joħroġ avviż legali rigward dan bħala parti mir-riforma tal-kunsill lokali.

3.7 Fir-rigward jekk għandhomx jitpoġġew *banners* minn parroċċi jew entitajiet oħra, għall-riklamar jew attivitajiet il-kunsill għandu jagħmel evalwazzjoni jekk jaqbilux japplika dan skond il-*bye laws* dwar l-għamara tat-toroq. Il-kunsill m'għandux jara biss il-kwistjoni ta' dħul finanzjarji iżda għandu jara kemm tiflaħ kull triq, għandux ikun hemm ċertu restrizzjonijiet. Il-kunsillier B. Cali għandu jieħu ħsieb dan l-eżerċizzju fejn eventwalmet titrressaq għas-seduta tal-kunsill għal deċiżjoni.

3.8 Is-segretarju eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-kunsill li irċieva diversi ilmenti dwar l-istat ħażin tat-triq ta' San Pietru. Is-segretarju eżekuttiv fakkar li l-kunsill għadu jrid jieħu deċiżjoni dwar it-*tender* li kienet inħarġet iktar minn sena ilu dwar ir-*resurfacing*. Il-kunsill qabel li Triq San Pietru tingħata prijorita meta jiġi ġġudikat t-*tender*.

3.9 Is-segretarju eżekuttiv qal li l-Korporazzjoni Għas-Servizzi ta' l-Ilma kienet infurmat lill-kunsill li hemm bżonn li jinbiddlu l-mejnijiet u *house connections* f'bosta toroq f'Tas-Sliema. Fuq dan il-punt il-kunsill qal li għandu jibgħat lil dawk li kienu applikaw għat-*tender* tar-*road resurfacing*, fejn nerġgħu nitolbuhom jibgħatu l-prezzijiet minħabba li għadda ftit taż-żmien. Is-sindku għandu jsejjaħ laqgħa tal-kunsill apposta biex tittieħed deċiżjoni.

3.10 Is-sindku N. Dimech irrimarka li qiegħed ikollna diversi ilmenti dwar l-indafa tat-toroq u latrini pubbliċi, fejn staqsa l-kunsill għandux jsejjaħ talba għall-offerti għal dawn is-servizzi. Il-kunsill ma qabilx li għandu joħroġ din is-sejħa kemm minħabba li taf tiswa lill-kunsill ħafna iżjed għolja filwaqt li għandu jagħti ċans ta' prova forsi s-servizz jitjieb permezz tal-*contracts manager*.

3.11 Is-segretarju eżekuttiv informa lill-kunsilliera preżenti li hemm bżonn li tissejjaħ sejħa għall-applikazzjoni għal post klerikali għal xogħol ta' *customer care*, fejn fost affarijiet oħra dan ix-xoghol jirrikjedi xoghol fuq barra u li l-applikant irid ikun lest jidħol is-Sibt kif titlob ir-riforma l-ġdida tal-kunsilli lokali. Il-kunsilliera preżenti qablu li għandu jinħatar bord b'dawn il-membri: Is-segretarju eżekuttiv J. Grech, is-sindku N. Dimech, il-kunsilliera M. Aquilina, S. Camilleri, E. Cuschieri u J. Galea.

3.12 Is-segretarju eżekuttiv informa lill-kunsilliera preżenti li kienet ħarġet sejħa għall-offerti għal *EU Funding*, li t-*tender* għadu ma ġiex iġġudikat. Il-kunsillier C. Engerer għandu jevalwa t-*tenders*, fejn wara l-kunsill jiddeċieda għandux ikompli bil-proċess għall-għażla tat-tender jew le.

3.13 Is-segretarju eżekuttiv fakkar lill-kunsilliera li hu kien għadda l-informazzjoni dwar l-*istatements of funds* mil-MEPA, fejn hu kien kiteb lic-Chairman tal-MEPA li l-*UIF Funding* tal-proġett *Fort Cambridge* mhuwiex inkluż f'dawn il-fondi.

3.14 Il-kunsill ma qabilx li għandha tingħata *reserved parking* fi Triq Pace bir-referenza 147.

3.15 Fir-rigward tal-magazin il-kunsill ghandju jsejjaħ *expression of interest* b'ċertu speċifikazzjonijiet, għall-aħjar offerti. Il-kunsillier B. Cali ippreżenta lista ta' speċifikazzjonijiet 'Doc A' u l-kunsilliera preżenti qablu magħhom.

3.16 Is-sindku N. Dimech informa lill-kunsilliera preżenti li hu ġie mistieden l-Isvizzera, minħabba l-fatt li Tas-Sliema ġiet nominata għal *Swiss Tourism Awards 2009*. Is-sindku N. Dimech qal li hu jagħżel li ma jmurx, anke biex ma jitneffqux spejjeż żejda mil-kunsill.

3.17 Is-segretarju ezekuttiv informa lill-kunsilliera preżenti li l-kunsill irid jagħti l-kummenti

tiegħu dwar il-proġett ta' Tigne (MIDI) PA 00621/05 sa mhux iktar tard mil-5 ta' Awissu, 2009. Il-kunsill għandu jiddiskuti dan il-proġett f'dik l-istess laqgħa tal-kunsill li għandha ssir għal ġudikazzjoni tat-*tender* għar-*road resurfacing* biex inkunu nistgħu nikkumentaw fil-ħin stipulat.

3.18 Talba mil *Plaza Hotel* biex il-*gutters* ta' Triq San Franġisku ma' Triq it-Torri jkunu imwaħħlin sew. Il-kunsill qabel li għandu jitpoġġa r-*rubber* madwar u jekk ma jżommx inqabbdu lill-kuntrattur tal-kunsill.

3.19 Talba mis-Sur Daniel Coppini biex jagħmel aktar attivitajiet spissi f'Għar id-Dud. Il-kunsill ma qabilx ma dan minħabba li jkun hemm aktar rikjesti minn entitatijiet oħra.

3.20 Talba mill-Membru Parlamentari Michael Falzon biex jiltaqa' mal-kunsilliera kollha. Il-kunsill qabel li għandu jiltaqa' nofs siegħa qabel il-laqgħa tal-kunsill li jmiss li se jagħmel għat-tenders u dwar il-proġett tal-MIDI.

3.21 Dwar ir-*Residents Parking Zone*, il-kunsill qiegħed jirċievi diversi ilmenti wara li ħareġ l-avviż legali għaliex uħud mil-punti ma nfetmhux mill-pubbliku. Fost diversi kummenti kien hemm:

- Jekk is-Slimiżi jistghux ipparkjaw fit-toroq kollha ta' Tas-Sliema
- Għal dawk is-Slimiżi li għandhom karozzi rreġistrati fuq kumpaniji privati
- Għal dawk li jgħixu tas-Sliema fis-Sajf biss
- Ghal min jagħmel xogħol pastorali f'Tas-Sliema għal sigħat twal

Is-Sindku N. Dimech qal li l-kunsill m'għandux għalfejn jagħġel biex tibda l-RPZ, u ċertu affarijiet għad iridu jiġu diskussi waqt seduti oħra tal-kunsill. Il-kunsill għad irid jispeċifika kif se jiġu ndikati t-tabelli, kif se jinħarġu l-*stickers* għar-residenti u affarijiet oħra.

Is-segretarju eżekuttiv informa lill-membri tal-kunsill li għalkemm il-kunsill kien bagħat ir-rapporti tat-toroq kollha ta' Tas-Sliema, kien hemm diversi toroq li ma ġewx approvati. Il-kunsill qabel li għandu jibgħat għall-approvazzjoni tal-kumplament tat-toroq. Il-kunsill bi qbil unanimu iddeċieda li ma jimplimentax l-iskema qabel.

Sadanittant, is-sindku N. Dimech, il-viċi sindku J. Gonzi, il-kunsilliera M. Aquilina, B. Cali, S. Camilleri, E. Cuschieri, M. Debono, C. Engerer, J. Galea u P. Pace unanimament qablu li għanda toħroġ stqarrija għall-istampa biex jiġu ċċarati l-affarijiet lir-residenti. Kopja ta' din l-istqarrija għandha tintbagħat lill-kunsilliera kollha bl-email qabel ma tintbagħat.

3.22 Talba mill-Ministeru tar-Rizorsi u Affarjijiet Rurali qal li hemm bzonn isir ta' hand rail fix-Xatt ta' Qui si sana. Is-sinkdu N. Dimech qal li għandu jsaqsi lill-istess Ministeru dwar dan f'laqgħa li se jkollu magħhom.

3.21 Talba mis-Sinjura Cooper biex jittella *Asian festival* fi Ġnien Indipendenza. Il-kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni għal dan.

## 4. Mistoqsijiet mill-kunsilliera

4.1 Il-kunsillier E. Cuschieri qal li hu flimkien mal-kunsilliera M. Aquilina u S. Camilleri se jorganizzaw attivita ta' kant il-15 ta' Awissu, 2009 mit-8pm sa l-10pm. Il-kunsill ġie infurmat li saret laqgħa dwar l-organizzazzjoni kollha.

4.2 Is-Sur E. Cuschieri qal li fil-*promenade* qiegħed ikun hemm diversi *bicycles*. Is-segretarju eżekuttiv qal li skond il-liġi ma nistgħu ngħidulhom xejn, l-importanti hu li jsuqu bil-mod li ma jkunux ta' periklu għal min qiegħed ikun qiegħed jimxi u dan skond kif tgħid il-liġi.

4.3 Il-kunsilliera S. Camilleri ssuġġeriet li jkun hemm rotta oħra żejda fis-servizz tat-trasport ċirkulari kull nhar ta' Tlieta u l-Ħamis fis-2.30pm mil-20 ta' Lulju sa l-15 ta' Ottubru, 2009. Il-kunsill ma sab l-ebda deċiżjoni għal dan.

4.4 Il-kunsillier E. Cuschieri issuġġerixxa li għanda ssir tip ta' *centre strip* minn Triq it-Torri sa Qui si sana b'żebgħa ma' l-art biex il-karrozzi jiġu ggwidati aħjar. Il-kunsill qabel ma dan.

4.5 Il-kunsillier J. Galea issuġġerixxa li għandna nużaw l-ilma li hemm gox-xelter ta' Triq Dingli biex inkunu nistgħu naħslu t-taraġ tal-promenade li jagħti għall-bajjiet. Is-sindku N. Dimech għandu jsaqsi lill-Ministeru għar-Riżorsu u Affarijiet Rurali biex jipprovdilna *bowsers*.

4.6 Is-Sindku N. Dimech qal li hemm bżonn isir *zebra crossing* ix-Xatt quddiem ic-Charella. Is-sindku qal ukoll li hemm bżonn nirrifriskaw iz-*zebra crossings* fi Triq D 'Argens ma' Triq Mrabat (quddiem is-Savoy Guest House) u z-*zebra crossing* tax-Xatt (fejn l-Offshore). Is-Sindku N. Dimech qal ukoll li għandna nergħu nirrifriskaw l-marki tat-toroq kollha.

4.7 Rigward il-ħatra tas-sotto kumitati s-Sindku N. Dimech qal li kull kunsillier jista jibgħat permezz ta' email lil min irid u ta' liema responsabbilta'.

4.8 Is-Sindku N. Dimech informa lill-kunsilliera preżenti li staqsa lill-perit tal-kunsill biex jagħmel diżinn u jagħtina stima għall-proġett Fix-Xatt.

4.9 Il-kunsill qabel li għandu jsir *refurbishment* fil-ġnien ta' Qui-si-sana.

*Il-kunsillier M. Debono ġie skużat li jitlaq mis-seduta fid-9.20pm*

*Il-vici sindku J. Gonzi ġiet skużata li titlaq mis-seduta fid-9.20pm*

**5. Approvazzjoni tal-pagamenti**

Is-sindku N. Dimech ippropona li jiġu approvati il-pagamenti minn ċekk numru 10397 sa 10457. Il-kunsillier C. Engerer issekondah, filwaqt li l-kunsilliera preżenti M. Aquilina, B. Cali, S. Camilleri, E. Cuschieri, J. Galea u P. Pace qablu unanimament li jiġu approvati.

**6. Hatra ta' sotto kumitati**

Dan is-suġġett ġie diskuss f'punt 4.7.

**7. Affarijiet Ohra**

Ma kienx hemm affarijiet oħra.

Is-seduta ntemmet fid-9.22pm. Seduta oħra ġiet imsejħa għal nhar l-Erbgħa 19 ta' Awissu, 2009 fil-5.30pm.

**Nikki Dimech**
**Sindku**

**Josef Grech**
**Segretarju Eżekuttiv**

(Q - 15.07.09)

'DOC' 7

# Basis for Magazine tender.

1) **Number of Pages**: 48 + Cover (4 pages)

2) **Number of Copies**: 8500 (per issue)

3) **Frequency**: 4 Issues per year (every three months)

4) **Please Suggest**:

   A) Type of paper for inside pages GSM__________

   B) Type of paper for cover GSM__________

   C) How the publication can be made self financing.

   D) Advertising rates.

   E) Commission percentage should the Local Council or anyone else appointed by the Local Council, excluding the successful tender applicant, provide advertising for the magazine.

5) **Please Provide**:

   A) Samples of paper to be used both for cover and inside pages.

   B) Samples of at least one full colour magazine printed on similar paper.

   C) Examples of similar work.

   D) Design for **Cover** and **One inside page**

6) **Please Indicate**:

   A) What the magazine would cost if it had to be fully paid for.

   B) The cost for printing 4, 8 and 12 additional pages if or when required.

7) **Duration**: The tender contract is for FOUR years (16 issues)

## Conditions

1) The successful tender applicant will provide the Local Council with A Bankers Guarantee on acceptance of this contract. The said Guarantee will cover the cost of printing the 16 issues and will be forfeited by the successful tender applicant should the said applicant fail to honour the contract and/or fail to publish or deliver the magazine within a stipulated time frame.

2) The Local Council binds itself to supply all material for publication within a stipulated timeframe.

3) Should an advertiser withhold payment for any advert published or agreed upon owing to litigation between the advertiser and the Local Council then it will be the Local Council's responsibility to ensure that payment is effected.

4) Advertising material that will not be acceptable

   a) Advertising of tobacco products, the sex industry or gaming or gambling or containing images or words of a pornographic nature.

   b) Advertising promoting or condoning the use of drugs, drink driving or alcoholic drinking.

   c) Advertising that offends the principles of the Malta Data Protection Act of 2001 and the Malta Human Rights Act 2002

   d) Advertising that is deemed offensive by Maltese Law

   e) Advertising of a purely political nature.

5) A pre-press copy of the magazine must be presented to the Sliema Local Council for approval.

6) The Local Council binds itself not to produce a similar magazine which could compete for the same advertising revenue during the period covered by this tender.

7) Attached logos for reference.

Tas-SLIEMA